KUNSILL LOKALI | LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLR 58/VII/2017

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2017 fis-19.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli u Anthony Briffa.

**58.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**58.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

58.2.1 Id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-allokazzjoni għas-sena 2018 żdiedet bi €22,571.00 u ser tkun €139,809.25.

58.2.2 l-'Enviornment & Resources Authority' (ERA) fejn inħareġ il-permess biex jinżabbru s-siġar tal-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* u dawk ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex. Il-Kunsill ser jitlob il-kollaborazzjoni tat-Taqsima tal-Agrikultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex iż-żbir isir minn ħaddiema intiżi f'dan ix-xogħol;

58.2.3 l-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali fejn intalbu dettalji rigward iċ-Ċirkulari dwar multi mill-Awotorita' tas-Saħħa u Siġurta' fuq il-post tax-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li l-kumpanijia GaleaCurmi tħejji r-*risk assessment* li kien intalab li jsir. Din il-kumpanija ġiet infurmata l-ewwel darba biex tħejji dan ir-rapport fl-27 ta' Marzu 2017;

58.2.4 l-ARMS rigward kont a' żewġ *CCTV Cameras* fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal. Dan wara li l-Avukat tal-Kunsill kitbet lill-ARMS rigward l-istess kont. Ilu, l-Kunsill kien fetaħ kont minħabba żewġ *floodlights* li issa m'għadhomx hemm. Il-kont in kwistjoni qed jagħjat fuq żewġ *CCTV cameras* li l-Kunsill qatt ma poġġa u l-konsum għadu qed jiżdied;

58.2.5 persuna anonima li lmentat li x-xogħol li qed isir fil-parkeġġ tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex qed jibda kmieni wisq b'konsegwenza li l-istorbju qed ikun ta' nkonvenjent għar-residenti. Ix-xogħol qed isir mill-Gvern Ċentrali u l-istess ittra ġiet mibgħuta wkoll lill-Minsteru għal Għawdex fost oħrajn;

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Ghawdex, Malta**
**Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355**
**E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt**
**Dr Samuel Azzopardi – Sindku Josef Schembri – Vici Sindku**
**Kunsilliera – Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttigieg, Anthony Briffa, Marcel Tabone.**

58.2.6 Charles Bezzina rigward ktieb ġdid li kiteb bl-isem 'Ir-Refuġjati Maltin f'Għawdex u Żmien il-Gwerra'. Il-kunsill qabel li jixtri 10 kopji għal-prezz ta' €100;

28.2.7 l-Av. Angele Formosa li kitbet għan-nom ta' Maria Pace li toqgħod fi Sqaq 1, fi Triq Librerija. Talbet l-intervent tal-Kunsill peress li qed isir żvilupp f'dan l-isqaq minn persuna privata. Il-Kunsill ser jitlob l-għajnuna tal-Perit sabiex jivverifika mad-Dipartiment tal-Artijiet rigward dan l-isqaq minħabba l-fatt li jekk dan hu pubbliku, ma jista' jsir ebda' żvilupp fih minn terzi. Dan wara li l-applikanta ta' PA 07839/17 qed tittenta tidħol fl-isqaq u tiżviluppa jew tbiddel l-istruttura tal-ħnejja antika li tinsab fl-isqaq;

28.2.8 Dr. Chris Said li kiteb għan-nom ta' Joe Cassar, sid il-ħanut 'Colours' fi Pjazza Savina. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-meterja, is-Sindku ħareġ mill-kamra. L-Awtorita' għat-Turiżmu u l-*case officer* tal-Awtorita' tal-Ippjanar mhux isibu oġġezzjoni sabiex ikun hemm *change of use* ta' dan il-ħanut biex ikunu jista' jopera ta' ristorant. L-Awtorita' dwar it-Trasport qed toġġezzjona li jingħata permess għal imwejjed u siġġijiet fuq barra peress li fi Pjazza Savina hemm il-monti u l-Kunsill għamel il-kaxxi tal-monti quddiem dan il-ħanut. Fl-ittra qed jiġi allegat li l-Kunsill għamel dawn il-kaxxi minkejja li kien jaf li hemm din l-applikazzjoni pendenti. Cassar qed jitlob li jitneħħew il-kaxxi tal-monti minn quddiem il-ħantu tiegħu biex ikun jista' jingħata permess għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq barra. Din l-ittra hi datata 8 ta' Novembru 2017. Fit-28 ta' Novembru 2017 Dr. Said irraporta dawn id-dettalji lis-Segretarju tal-Bord ta' Governanza permezz ta' emejl. L-istess Bord ġie nfurmat li din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-llum. Il-Kunsill ser jibgħat ir-risposta tiegħu peremezz tal-Avukat.

**58.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

58.3.1 Is-Sindku ressaq stqarrija rigward ir-rapport tan-NAO fejn irriżulta li l-Kunsill irreġistra l-ogħla ammont ta' defiċit fl-2016. Din tinsab annessa f'dokument A.

58.3.2 Is-Sindku kien għarraf lill-membri tal-Kunsill li ġie kkuntajat minn Desiree' Azzopardi, artista żgħażugħa li xtaqet tagħmel xi ħaġa fuq l-attakk fuq id-dritt tal-espressjoni meta sar id-delitt tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Normalment din tiżboħ bank b'mod artistiku. Il-membri qablu li dan isir quddiem l-iskola primarja ta' Triq Vajrinġa.

58.3.3 Tressaq ir-rendikont tal-*Weekend Break* Kulturali li sar għar-residenti Rabtin bejn l-24 u s-26 ta' Novembru 2017. Dan skont Dokument B anness.

**58.4 Monti**

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-lista tal-bejjiegħa tal-monti ser tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-15 ta' Diċembru 2017.

**58.5 *Playing Field***

Il-membri qablu li titpoġġa l-ħamirja fis-*soft areas* tal-*playing field* u jintalbu stimi ta' pjanti varji li jistgħu jitħawlu fil-post.

## 58.6 *New Year's Eve in the City*

Il-membri qablu li l-Kunsill ser iħallas l-ispejjes tal-kiri tad-dawl, *sound* u tinet, nar pirotekniku, konfetti, kiri ta' *mobile toilets*, pulizija, *security*, assikurazzjonijiiet u kiri ta' *barrieres*. Il-Ministeru għal Għawdex ser jgħin fi spejjes oħra relatati ma kantanti u loġistika.

## 58.7 Pjazza San Ġorġ – tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet

Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja l-Perit Edward Scerri daħal fil-kamra u ressaq pjanta draft li l-Kunsill talbu jagħmel fir-rigward tar-revisjoni għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ. Il-membri tal-Kunsill taw il-veduti tagħhom u l-Perit għandu jirrevedi l-pjant skont dawn is-suġġerimenti.

## 58.8 Rilokazzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja.

Il-Kunsill għandu jevalwa l-pjanti dwar il-proposta tal-qrati l-ġodda fejn il-Minsiteru għal Għawdex qed jiproponi li jsir fi Triq l-Imġarr. Din il-materja ser tigi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 58.9 Immaniġjar tat-Traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

58.9.1 1.5*m keep clear* quddiem ir-residenza tal-'Gozo Association for the Deaf' fi Triq Santa Dminka;

58.9.2 *one metre double yellow lines* maġenb il-garaxx tad-dar 'San Andreas', fi Triq Ċetta Mintoff;

58.9.3 rilokazzjoni ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' minn Pjazza Savina għall-Pjazza Indipendenza;

58.9.4 *one metre double yellow lines* maġenb il-garaxx tad-dar 'Eagle', fi Triq it-8 ta' Diċembru;

58.9.5 *one metre double yellow lines* maġenb il-garaxx tad-dar 'Franco', fi Triq il-Kapuċċini.

TM m'approvatx talbiet għall-

58.9.6 *un/loading bay* quddiem il-ħanut 'Right Click', fi Triq Mary Mejlak;

*58.9.7* *un/loading bay* quddiem il-ħanut 'Gelateria Granola' fi Triq Kapuċċini;

58.9.8 *keep clear* jew parkeġġ riservat għall-perusni b'diżabilita' quddiem id-dar 68, fi Triq Mattia Preti, peress li mad-dar hemm garaxx;

58.9.9 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem 139, 'Immakulata' fi Triq it-Tabib Anton Tabone.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall:-

58.9.10 *one metre double yellow line* biswit il-garaxx tad-dar 'Skydome', fi Triq Ċetta Mintoff;

58.9.11 *one metre double yellow line* biswit il-garaxx tad-dar 34 fi Triq Santa Dminka.

Il-Kunsill qabel li:-

58.9.12 r-*rumble strips* li ġie suġġerit li jsiru fil-bidu ta' Triq Vajrinġa, ma jsirux minħabba li sid il-propjeta' fejn għandhom isiru ma qabilx li jsiru quddiemu.

58.9.13 rigward it-talba għall-parkeġġ għal-persuni b'diżabilita' ta' Josephine Briffa, 122, Flat 6, Triq Repubblika, TM għandha tiġi nfurmata li fir-reġistru elettorali din il-persuna mhix imniżżla li toqgħod f'dan l-indirizz, f'din il-parti tat-triq m'hemmx flettijiet u wkoll, f'din il-parti tat-triq diġa' hemm tlett parkeġġi riservti għall-persuni b'diżabilita'.

Noti oħra rigward it-trasport

58.9.14 TM għarfet lill-Kunsill li ma ħarġitx permessi sabiex jinżebah parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 11, 'Mount Carmel', fi Triq San Duminku;

58.9.15 Is-Supretendent tal-Pulizija għarraf lill-Kunsill li l-ħwienet li jarmaw il-merċa tagħhom illegalment fi Triq l-Arċipreit Saver Cassar, ġew imħarka diversi drabi;

**58.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2017 skont dokument Ċ anness.

**58.11 Xogħolijiet oħra**

Dawl tat-toroq

Il-membri qablu li:-

58.11.1 jsir ix-xogħol neċessarju fosthom trinka li taqsam Triq Santa Dminka sabiex jitgħadda l-*cable* għal-arblu li ser isir ġdid fi Triq Karolina Cauchi. L-istima hi ta' €2,526.56. Dan bil-permess tal-Enemalta;

58.11.2 titneħħa bozza temporanjament sakemm titranġa l-faċċata tal-post 17, fi Triq il-Providenza.

58.11.3 Tressaq ilment mingħand sid id-dar 25 fi Triq Sir Luiġi Camilleri miħabba l-fatt li tpoġġiet bozza ġdida l-isfel mid-dar tagħha. Qed tgħid li din ma kienx hemm bżonnha peress li ftit il-fuq hemm bozza oħra. Din il-bozza saret bil-permessi kollha tal-Enemalta.

Il-membri qablu li:-

58.11.4 l-*litter bins* il-ġodda li għandhom isiru fiċ-ċentru tar-Rabat għandhom jitpoġġew fuq il-latrina tal-irġiel, fejn is-siġra l-imqaċċta tat-Tokk u fi Pjazza Savina n-naħħa tal-monument fit-tarf tas-*central strip*. Fuq it-tlett *litter bins* l-oħra, 'l quddiem il-Kunsill għandu jara fejn ser jitpoġġew skont il-bżonn;

58.11.5 jintbagħtu d-dokumenti neċessarji li ntallbu mill-HSBC sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli juża s-servizz tal-*internet banking* kif qed isir fil-prezent;

58.11.6 jsir it-tiżjijn tal-Milied fi Pjazza San Ġorġ, Triq is-Suq u Triq San Ġużepp;

58.11.7 l-grawnd Leli Farrugia jitwitta biż-żrar minħabba l-fatt li l-wiċċ saritlu ħafna ħsara bix-xita

**58.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar 2017 fis-18.45.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv